# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Gunju 2002

Citazzjoni numru 1088/96 AJM

Kawza numru

Carmelo Gauci

Vs

Gaetano Avallone u Mary Avallone b'digriet tat-22 ta' Jannar 1997

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-2 ta' April 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-attur ghamel xoghol ta' appalt konsistenti f'xoghol ta' tqeghid ta' elettriku, stallar ta' katusi tal-ilma u tad-drenagg fil-proprjeta' tal-konvenut il-Mosta u dana fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut; illi l-konvenut hallas lill-attur is-somma ta' LM1000 akkont u fadallu jhallas il-bilanc ta' LM1,200 (elf u mitejn lira maltin); izda l-konvenut baqa' inadempjenti nonostante li gie interpellat sabiex jeffettwa l-hlas tal-imsemmi bilanc; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u mitejn lira maltin (LM1,200) bilanc ta'somma akbar dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tat-18 ta' Settembru 1995 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut presentata fit-30 ta' Ottubru 1996 li permezz taghha eccepixxa:-

1. In-nullita' tac-citazzjoni stante li huwa ma ghandux ikun il-legittimu kontradittur wahda izda l-attur naqas li jimposta din il-kawza anke fil-konfront tal-mara tal-konvenut u ghaldaqstant d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.
2. Il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.
3. Illi t-talba attrici hija ezagerata u mhux gustifikata.
4. Illi x-xoghol li sar huwa maghmul hazin, mhux skond is-sengha u l-arti.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Jannar 1997 meta ddahlet fil-kawza Mary Anne Avallone.

Rat in-nota tal-istess Maryann Avallone.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Mejju 1997 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-25 ta'Gunju 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-10 ta' April 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u d-dikjarazzjoni tad-difensur tal-konvenut li qal li fuq din l-eccezzjoni jistrieh fuq ix-xhieda moghtija mill-attur.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti tiddisponi li l-azzjonijiet ta' hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta'l-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu jaqghu bi prskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar.

It-talba attrici hija fil-konfront ta' prezz ossia bilanc ta' prezz ghall-xogholijiet ta' plumbing u electricity. Tali eccezzjoni ghalhekk hija dik applikabbli ghall-kaz.

L-artikolu 2160 tal-Kap 16 izda jippreskrivi li din il-preskrizzjoni ma ghandhiex effett jekk il-parti li teccepiha, meta tinghata l-gurament, ma tistqarrx li mhijiex debitur jew ma tiftakarx jekk il-haga gietx mhallsa.

Din id-dikjarazzjoni guramentata hija *sine qua non* ghall-applikabilita' ta' tali preskrizzjoni u fin-nuqqas din ma jkollha ebda effett ghall-azzjoni interposta.

Fil-kaz in ezami mhux talli l-konvenut, meta xhedu bil-gurament, ma ghamlux tali dikjarazzjoni talli l-istess konvenuti ddikjaraw li joqghodu fuq ix-xhieda ta' l-attur in sostenn tal-istess eccezzjoni. Issa apparti li kwalunkwe dikjarazzjoni tal-kreditur ma tista' qatt tissana n-nuqqas tal-konvenut kif fuq inghad, lanqas biss ma jidher mill-provi prodotti li l-perjodu preskrittiv eccepit ddekorra.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni solllevata mill-konvenuti bl-ispejjes kontra taghhom.

Onor Imhallef Albert J. Magri